MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Numru 11/2000

**Il-Pulizija**

**(Supt. Paul Vassallo)**

**vs**

**John Vella**

**Illum 25 ta' Novembru 2009**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra John Vella, bin John u Concetta nee Perrone, karta tal-identita' numru 16162 (G) kif ravvizati a fol. 1 tal-process, u cioe:

1. Talli fi Triq Raymond Caruana, Ghajnsielem, Ghawdex, fit-3 ta' Gunju 1999, ghall-habta ta' xi 10.00pm,, volontarjamnet ghamilt hsara fuq Ford Fiesta, bin-numru

JAZ 405 ghad-dannu ta’ Emanuel Vella, minn Ghajnsielem, liema hsara teccedi l-Lm500.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fit-3 ta’ Gunju, 1999, Emanuel Vella, sid il-vettura JAZ 405 mertu tal-kawza kien qiehged fir-residenza tieghu flimkien ma missieru Loreto Vella, ommu u t-tfajla tieghu meta semghu brake ta’ vettura. Emanuel Vella ttawal mill-gallerija u ra lill-imputat, zijuh, jaghti daqqiet b’xi oggett fuq il-vettura tieghu. Loreto Vella, missier Emanuel u t-tfajla tal-istess Emanuel ukoll hargu u rawh ikisser il-hgieg u jaghti daqqiet fuq din il-vettura.

Illi din il-vettura sofriet diversi hsarat kif jirrizulta mir-ritratti esebiti bhala parti mill-process verbal tal-inkjesta li saret kif ukoll mir-rapport tal-espert tal-Qorti li kkonkluda illi din il-vettura tant sofriet hsara maghmula b’oggett iebes u bil-ponta li mhix ekonomikament vjabbbli biex tissewwa. Din il-hsara kienet tammont ghal Lm1400.

Emanuel Vella, in-neputi tal-imputat, Loreto Vella, hu l-imputat u Caroline Hili, it-tfajla ta’ Emanuel Vella, lkoll xehdu illi huma raw lill-imputat ikisser il-vettura u dan fil-kors ta’ ftit minuti.

L-imputat jichad dan kollu izda jghid li dakinhar aktar kmieni filghodu Emanuel Vella kien qatillu l-kelb meta tajru bil-vettura tieghu u baqa’ sejjer. Huwa jghid li dak il-hin ma kienx id-dar ghaliex mar biex jidfen il-kelb fl-ghalqa tieghu u dam madwar ghaxar minuti biex jaghmel dan. Gino Vella, hu l-imputat u z-ziju tal-kwerelant xehed illi qal li dakinhar l-imputat kien qrib tieghu u jaf li mar jidfen il-kelb. Mistoqsi mill-Qorti jekk kellux xi ghodda f’idu dan qal

li l-ghodda kien izommha fl-ghalqa u ghalhekk ma rahx b'ghodda f'idu dak il-hin. Jirrizulta illi precedentement qabel l-incident kien hemm xi disgwid bejn iz-zewg familji.

F'dan il-kuntrast fil-provi jehtieg li jissemma l-fatt illi meta kien mitkellem mill-pulizija, l-imputat irrizulta li kellu grif frisk tul idu il-leminijia (ara ritratti esebiti). Jehtieg ukoll jissemma l-fatt illi ktar kmieni filghodu l-imputat kien mgharraf li l-kwerelant kien tajjarlu l-kelb bil-vettura tieghu u l-imputat xehed illi din kienet haga iebsa hafna ghalih tant li l-familja damu jikbu lil dan il-kelb ghal aktar minn xahrejn. Di piu, l-imputat stess jghid li dak il-hin kien barra jidfen il-kelb meta anke huh Gino, jikkonferma li ma kienx id-dar tieghu ghal dawk l-ghaxar minuti.

Illi din l-evidenza cirkostanzjali ma tistax tkun injorata u fl-assjem taghha taghti kredibilita' lil-verzjoni tal-kwerelant konfermata mill-membri l-ohra tal-familja.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti qed issib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikoli 325(1)(a) tal-Kap 9 u wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-kwerelant, tramite missieru peress illi emigra fil-mori tal-kawza, hafer lill-imputat; wara li hadet kont ukoll tal-fedina penali tal-imputat qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------